Ma ngħidu xejn, in-nies kollha tar-raħal malli raw lil dak il-qrempuċu ta' Manweli bil-Ħarufa f'idejh, bdew qishom bl-imħatra min jizzikah u jgħidlu xi ħaġa.

"Tajba, Manweli," qallu Karmnu l-Mastrudaxxa, "issa ħu ħsiebha sewwa ħalli tikber u tagħtik il-ħalib."

"Beq... beq..." beda taparsi jgħajjat Vitor, naqra ta' sabi fuq tiegħu li kien jittanta x-xemx għaddejja.

U Ketrin tal-Ħanut tal-Merċa tbissmitlu waħda kbira u pespsitlu f'widnejh: "Dik tajba, Lel, biex nixwuha l-forn."

Manwel mank kien jitbissmilha imma kien iżomm tajjeb il-Ħarufa b'idejh maħruġa 'l barra u jimxi dritt dritt tul it-triq. U malli lemaħ lin-Nannu Xand, li wara kollox kien hu li webblu bil-biċċa tal-Ħarufa, iktar ried qisu juri ruħu u ħarislu ħarrsa li biha ried kieku jfisser: "Hawn hi l-Ħarufa, Nann... kif ridna aħna t-tnejn sar. Ara kemm qed nerfagħha ta'jeb."

Imma ġara, jaħasra, li t-triq tal-pruċissjoni kienet twila wisq u s-saħħa ta' dirgħajn Manweli kienet ċkejkna ħafna u, aktar ma jgħaddi l-ħin aktar beda jħossu jegħja. Dirgħajh beda jħosshom jitqalu u jintelqu 'l isfel u l-Ħarufa bdiet ukoll tiżżerżaqlu xi naqra kultant. X'jaqbad jagħmel? Igħid lil sħabu li kien għeja u jibdilha ma' xi salib żgħir li soltu kien jerfa'? Jurihom li kien għamilha ta' prużuntuż iżżejjed u hekk jaqa' għaċ-ċajt quddiem it-tfal kollha?

Fid-daqqa u l-ħin jilmaħ riesaq lejh bil-lajma lil Dun Mattew u miegħu kellu tifel it-tampar tiegħu li kien ikaxkar warajh u jibki u jolfoq, qisu kienet se toħroġ ruħu. X'kien ġaralu lil Ġużi taz-Zija Mari?

"Ħares, Manweli," qallu jlaqlaq Dun Mattew, "ara, kuġinuk ilu jibki ħafna għax qal li jrid iżomm il-Ħarufa huwa wkoll. Ma jridx salib ta' l-injam. Qal li la rfajtha int, issa kien imiss li jġorrha daqsxejn hu. Ma tikkuntentahx, Manwel?"

Manweli, ta' makkak li kien, ma ċediex mill-ewwel għalkemm f'qalbu feraħ li l-Bambin kien bagħatlu 'l xi ħadd biex iserrħu naqra waħda. U għalkemm żgħir intebaħ li kif ġiet il-biċċa kien xorta se joħroġ ta' raġel sa l-aħħar meta fis-sewwa hu kien wasal biex jaqta' qalbu li jwassal il-Ħarufa sat-tmiem.

"Jeħodha la trid hekk, Dun," laqlaq Manweli, "issa bil-patt li jien nidħol biha l-Knisja. Meta naslu ħdejn is-Salib tal-Misraħ irid jerġa' jħalliha f'idejja. Ta'jeb hekk?"

"Xi tgħid, Ġużi?" staqsa Dun Mattew lill-kuġin ta' Manweli. U dan ikkuntenta, waqaf mill-biki u ħa minnufih il-Ħarufa f'idejh u newwel is-salib li kellu lil Manweli.

U l-affari mxiet ħarir. Ġużi baqa' jżomm il-Ħarufa sakemm waslu ħdejn is-Salib tal-Misraħ waqt li kuġinuh Manweli mexa qribu,



kważi jħokk miegħu, qisu qiegħed għassa li ma jmurx, Alla ħares qatt, taqagħlu u ssir frak. U mbagħad forsi jeħel hu. Imma Ġużi żammha sod u kien pront newwilhielu lura meta kien il-waqt. U Manweli reġa' ħa f'idejh il-Ħarufa bl-a ja li kellu qabel il-għaliex issa dirgħajh kienu strieħu sewwa. Anzi mexa biha wisq aħjar minn qabel u tgħidx kemm ħassu mkabbar tul din l-aħħar biċċa triq tal-purċissjoni. Sakemm daħlu l-Knisja, baqa' l-ħin kollu, jieħu gost jisma' n-nies li kienu jafuh jifirħulu li kien wassalha qawwija u sħiħa minkejja t-triq twila. Ħafna ma kinux intebħu li kuġinuh Ġużi kien għenu biċċa ġmielha mit-triq, imma ġara li dak l-imbierek ta' Vitor, xitan bil-qrun, kien intebaħ bl-affari kollha u rħielha jinkih u jgħidlu :"Alla ħares ma kienx kuġinuk għalik għax kieku l-Ħarufa ilha li saret biċċiet."

Imma Manweli lanqas ta każ tiegħu. Hu x'inhu, l-istorja tal-Ħarufa spiċċat hawn għal dik is-sena u s-sena ta' wara, Manweli u kuġinuh Ġużi reġgħu l-istess. Din is-sena, imma, Manweli se jerfagħha waħdu għax issa kiber u għandu qrib l-għaxar snin. U kuġinuh Ġużi, kieku stess, lanqas jista' jgħinu għax ftit xhur ilu siefer mal-familja tiegħu lejn l-Awstralja. Nistgħu ngħidu, għalhekk, li għal xi sena jew tnejn oħra, il-Ħarufa ta' l-Għid u Manweli se jibqgħu ħbieb kemm-il-darba toħroġ il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

---

# FL-GĦAXIJA

*Ta' P.P. THEUMA*

Fil-kħula ta' fl-għaxija,
Taħt sema ikħal nir
X'ħin l-għabex qed ibexbex
Għax-xtajta jiena ntir;

Noqgħodlok fuq il-blata
Merfugħa għalija biss,
Inħares lejn il-mewġa
L-imregħda 'l sieqi tmiss.

U nħares, 'l hemm nittawwal
Filħin 'l bogħod, 'lbogħod,
Fid-dawl tal-kwiekeb jiddu
Fuq l-ilma qed jirtogħod!